**208. L-Oppożizzjoni tipproponi:**

Din il-Kamra:

TINNOTA l-Private Members' Bill (Numru 206) dwar l-introduzzjoni tad-divorzju li jinsab quddiem din il-Kamra;

TAGĦRAF li l-ebda naħa rappreżentata f'dan il-Parlament m'għandha mandat elettorali relatat mal-liġi tad-divorzju f'pajjiżna matul din il-Leġislatura, liema liġi hija waħda maġġuri u li għandha impatt storiku u sinifikattiv ħafna fuq is-soċjetà. tagħna.

Għalhekk, din il-Kamra:

TIRRISOLVI li qabel ma tibda tiddibatti il-Private Members' Bill (Numru 206), u mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mill-approvazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni, għandu jissejjaħ Referendum Konsultattiv kif provdut fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 237 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan ir-Referendum Konsultattiv għandu jsir mhux aktar tard minn erbgħin (40) jum minn meta jissejjaħ

TIRRISOLVI li l-mistoqsija f'dan ir-Referendum Konsultattiv għandha tkun: "Taqbel mal--introduzzjoni tal-għażla tad-divorzju f'każ ta' koppja miżżewġa li tkun ilha separata jew tkun ilha ma tgħix flimkien għal mill-anqas erba' (4) snin, u meta ma jkun hemm l-ebda tama raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin, filwaqt li jkun garantit manteniment adegwat u jkunu mħarsa t-tfal?"

TIRRISOLVI li qabel u matul il-kampanja referendarja, m'għandhomx jintużaw fondi pubbliċi favur jew kontra xi opinjoni partikolari;

TIRRISOLVI li din id-deċiżjoni tkun komunikata lill-President ta' Malta u lill-awtoritajiet kollha responsabbli inkluż għal pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif trid il-liġi.

14.02.11

**EMENDA GĦALL-MOZZJONI NRU. 208 IMRESSQA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI (*carried*):**

Issostitwixxi:

"TIRRISOLVI li qabel ma tibda tiddibatti il-Private Members' Bill (Numru 206), u mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mill-approvazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni, għandu jissejjaħ Referendum Konsultattiv kif provdut fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 237 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan ir-Referendum Konsultattiv għandu jsir mhux aktar tard minn erbgħin (40) jum minn meta jissejjaħ"

Ma':

"TIRRISOLVI li qabel ma tibda tiddibatti il-Private Members' Bill (Numru 206), u mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum mill-approvazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni, għandu jissejjaħ Referendum Konsultattiv kif provdut fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 237 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dan ir-Referendum Konsultattiv għandu jsir fil-jum tas-Sibt, 28 ta' Mejju 2011;"

16.03.11